ŻEBBUĠ

**Minuti tas-Seduta Nru. 44/09**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: L-Erbgħa, 16 ta' Diċembru 2009**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Kunsillier is-Sur Harry Debono kien assenti.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

SEDUTA NRU. 43/09 TAL-24 TA' NOVEMBRU 2009

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 43/09 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Is-Sindku qal fil-laqgħa hu kien wera solidarjeta` mal-Kunsillier Refalo wara l-inċident tat-traffiku li kellu u kien awguralu fejqan ta' malajr u miegħu ngħaqdu l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera preżenti.

Dwar il-kiri ta' krejn għall-Musical 'Għeruqna', is-Sindku qal hu kien irrimarka li krejn għall-*big screen* ma kienx hemm bżonnu peress li l-musical ma sarx fuq il-paletta.

Is-Sindku rrimarka li l-*weekend* ta' attivitajiet f' Marsalforn iġib it-titlu Festa Pawlina – Arti, Kultura u Fidi.

Dwar il-fatt li ntilef il-*quorum*, is-Sindku talab biex ikun rappurtat preċiżament x' ġara li l-Kunsillier Debono talab biex ikun skużat għax ried jilħaq il-vapur tas-7.30p.m. u li fid-dawl ta' dan, il-Kunsilliera Camilleri u Refalo telqu l-barra.

Dwar skambji bejn il-lokalitajiet, minflok il-kliem ''ikollu riżultat negattiv'' għandu jidħol ''din il-ħidma lanqas tkun apprezzata minn xi membri tal-Kunsill''.

Ittieħdet nota ta' dawn il-punti fil-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

## SEDUTA NRU. 43/09 TAT-30 TA' NOVEMBRU 2009

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 43/09 (kontinwazzjoni tas-seduta) ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Il-Kunsillier Camilleri qal li kellu jitniżżel bħala skużat u mhux assenti għax hu kien ċempel filgħodu. Is-Sindku qal li anke l-Kunsillier Debono għandu jitniżżel bħala skużat għax kien infurmah li jekk ikun il-maltemp, ma kienx ser jattendi għall-laqgħa.

Dwar il-permess lil Baron Group, is-Sindku qal għandu jitniżżel il-kumment ''għalkemm dan qed ikun approvat''.

Is-Sindku rrefera għall-Pġ. 4 b' referenza għall-Kumitat għall-Proġett ta' Marsalforn u talab biex is-sentenza ''Ma kienx hemm qbil mal-proposta ta' Refalo'' titneħħa. Qal hu mhux kontra li l-Kunsillier Refalo jkun membru tal-Kumitat. Il-Kunsill qabel li din is-sentenza titneħħa mill-minuti.

Ittieħdet nota ta' dawn il-punti fil-minuti.

Il-Kunsillier Refalo qal il-Kunsilliera għandhom ikunu nfurmati x' ikun għaddej fil-Kumitat ta' Marsalforn għax hu membru tal-Kumitat fil-kapaċita` tiegħu ta' Sindku. Is-Sindku tkellem dwar iż-żewġ Kumitati mwaqqfa u qal li ma kellu ebda skop li ma jinfurmax lill-Kunsill b' dawn il-Kumitati.

Is-Sindku qal il-Kumitat Town Planning Management twaqqaf mis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni u l-Kunsill Żebbuġ membru ta' dan il-Kumitat bil-lokalita` ta' Marsalforn flimkien mal-Belt Valletta u l-

lokalita` ta' Paceville. Qal li se jkun qed jingħata taħriġ lill-Kunsilli Lokali u l-entitajiet li jaħdmu f' dawn it-tlett lokalitajiet. Is-Sindku qal il-Kumitat hu magħmul mill-Kunsilli ta' dawn it-tlett lokalitajiet (ir-rappreżentanti taċ-ċittadini), il-parti tar-*restaurants* u l-*fisheries*.
Il-Kunsillier Refalo staqsa min huma l-membri tal-Kumitat?
Is-Sindku wieġeb ser jistaqsi jekk jistax jagħti din l-informazzjoni.

Is-Sindku qal il-Kumitat għall-Proġett ta' Marsalforn twaqqaf mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u l-Ministeru għal Għawdex. Qal li x-xogħol tal-Kumitat hu l-*upgrade* u li jirregolarizza l-attivitajiet f' Marsalforn (ir-residenti, in-negozji, eċċ). Is-Sindku qal li l-affarijiet f' dan il-Kumitat għadhom jiġu studjati. Qal li fl-aħħar laqgħa ta' dan il-Kumitat, li ssemmew u li jolqtu l-Kunsill tagħna huma r-*railings* tal-*promenade* ta' Marsalforn u l-kwistjoni tad-*disabled friendly* tal-Bajja ta' Marsalforn. Qal ukoll li fejn ikun jolqot iċ-ċittadini, se jkun hemm żmien għall-konsultazzjoni pubblika.
Il-Kunsillier Refalo staqsa min huma l-membri ta' dan il-Kumitat? Is-Sindku se jistaqsi jekk jistax jagħti din l-informazzjoni.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

SEDUTA NRU. 43/09 TAL-24 TA' NOVEMBRU 2009

Dwar il-kisi tat-triq li tieħu għall-inħawi ta' Taħt ix-Xifer, is-Sindku qal il-Perit tal-parir li t-triq tinkesa bit-tarmak u l-ħotba ta' fuq titbaxxa. Il-Viċi Sindku qal hu oriġinarjament kien ippropona li ssir bit-tarmak.

Dwar proposti nru. 17 u 18, is-Sindku qal dawn huma żewġ affarijiet totalment differenti.

Dwar proposti nru. 8 u 9, is-Sindku qal dawn iż-żewġ attivitajiet se jsiru nhar it-28 ta' Diċembru 2009,

Dwar proposta nru. 14, is-Sindku qal il-Perit jintalab jagħmel pjanta.

Dwar il-vot meħud fir-rigward tax-xiri ta' lanterni għal Triq id-Duluri, il-Kunsillier Camilleri lmenta għall-fatt li ma tnizzlitx ir-raġuni għaliex hu astjena. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li hi qatt ma niżżlet ir-raġunijiet għaliex Kunsillier ikun ivvota b' dak il-mod.

Dwar id-deċiżjoni li l-membri tal-Kunsill jindikaw il-kontribut li taw f' 'Għeruqna', il-Kunsillier Camilleri staqsa jekk kienx hemm *feedback*. Camilleri staqsa wkoll min intalab jieħu sehem f' 'Għeruqna'?

Dwar il-quddiesa fiċ-ċimiterju, Camilleri staqsa min kienu ċ-ċelebranti u min ordnahom?
Is-Segretarja Eżekuttiva wieġbet li kienet kellmet lill-Arċipriet.
Is-Sindku qal Dun Noel Saliba kkonċelebra l-quddiesa li saret fiċ-ċimiterju.

Dwar ix-xiri ta' tavli għal xogħol ta' konkos, Camilleri staqsa kemm ser jinxtraw tavli?
Is-Sindku wieġeb sitt tavli kellu f' moħħu.

Dwar l-ikla tal-Milied għall-membri tal-Kunsill, Camilleri qal hu flimkien mal-Kunsillier Refalo se jmorru kumdita` tagħhom.

Dwar il-ħarġa tal-anzjani, Camilleri qal ma nistgħux inħallsu għall-ikla għax dik tiġi donazzjoni.
Is-Sindku qal din hija attivita` tal-Kunsill.

Dwar l-inkwatru ta' San Fortunato, Camilleri qal hu ma jaqbilx li jinxtara għax il-Kunsill huwa post pubbliku aċċessibbli għal kull persuna ta' kull twemmin.

Dwar il-permess lill-Kumpanija Baron, Camilleri staqsa jista' jiġi ndikat x' inhu l-permess?
Is-Segretarja Eżekuttiva wieġbet hemm korrispondenza għall-qari dwar is-suġġett.

Camilleri staqsa għaliex is-siġar taż-żebbuġ dejjem jinħartu mill-istess persuna?
Is-Sindku wieġeb li Attard dejjem ta servizz tajjeb.

Il-Kunsillier Refalo talab biex l-ikla tal-Milied issir f' ġurnata oħra.

SEDUTA NRU. 43/09 TAT-30 TA' NOVEMBRU 2009

Dwar it-tħawwil ta' żewġ palmiet, Camilleri staqsa min se jħallas?
Is-Sindku wieġeb il-Kunsill se jħallas għax-xogħol, il-ġarr u t-tħawwil tagħhom, (is-siġar gratis).

Il-Kunsillier Camilleri staqsa l-Kunsill kien infurmat bil-miktub dwar min huma l-membri fuq iż-żewġ kumitati li twaqqfu riċentament?
Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

Il-Kunsillier Camilleri rtira mill-Kamra tal-laqgħat.

Dwar il-ħarġa tal-anzjani, is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li tal-Cornucopia Hotel kienu qed jitolbu €9.80 għal kull persuna. Kien hemm qbil li kull anzjan iħallas €5.00.

Dwar id-dawl propost għall-*pitch* tal-boċċi taż-Żebbuġ, ġie miftiehem li l-Inġinier jagħmel stima għal bozza waħda.

Dwar il-korsijiet tal-kompjuter, ġie deċiż li naraw l-iskema ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għal akkwist ta' kompjuters.

Dwar ir-*reflectors* approvata għal Triq Għajn Mhelhel, ġie deċiż li jsiru simili għal li hemm fit-triq tal-Manikata.

## 4. KORRISPONDENZA

**Applikazzjonijiet għal permess tal-Kunsill Lokali**

| | **Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| Piu 39, Unwined & Kyraimm għal attivitajiet soċjali nhar l-24 u l-31 ta' Diċembru 2009 fi Triq il-Port. | Approvata. |
| Anthony Camilleri (Ta' Pennellu) għal attivitajiet soċjali nhar l-24 u l-31 ta' Diċembru 2009 fi Triq il-Port. | Approvata. |

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Ittra mibgħuta minn Baron Group dwar il-bini ta' lqugħ temporanju fejn għandhom għaddej il-proġett Hillock fi Triq il-Qolla s-Safra. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet għall-bini ta' l-ilqugħ indikat.

Ittra mibgħuta mid-Dipartiment tal-Artijiet dwar applikazzjoni ta' Richard Grech għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fuq art pubblika f' Misraħ M' Anġ Refalo. Is-Sindku qal il-materja qed tkun trattata mill-Kumitat tal-Proġett għal Marsalforn. Kien hemm qbil li d-dipartiment ikun infurmat b' dan.

Komunikat tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li qed ikun mistħarreġ dwar diversi allegazzjonijiet.

Ittra mibgħuta mill-Moviment ta' Kana dwar il-konkors 'Familja Qalb tad-Deheb 2009'.

Korrispondenza ta’ John Xuereb Dingli dwar il-possibbilita` li jitpoġġew aktar *litterbins* fuq il-*promenade* ta’ Marsalforn fis-sajf.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Iċ-Ċedola tal-pagamenti – DOK A kienet approvata.

**Dawn il-pagamenti kienu approvati:**

| | |
|---|---|
| Konsum u kera tal-linji tat-telefons (GO) | €207.23 |
| Ġarr ta’ *litterbins* (Gozo Express Services Ltd) | €23.60 |
| *Translations* – *website* tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali (Philip Cassar) | €875.00 |
| Ritratti għal fuq il-*website* tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali (Philip Cassar) | €190.00 |
| Kiri u tbattil tal-*bins* tal-*bring-in site* – Novembru 2009 (WasteServ Malta Ltd) | €287.02 |
| Tiġdid tal-polza ta’ l-assikurazzjoni tal-flus 2010 (Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali) | €63.00 |
| Dekorazzjonijiet tal-Milied (Joe Cassar Christmas Store) | €327.00 |
| Tindif u żamma tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ – Novembru 2009 (Nancy Cefai) | €143.84 |
| Twaħħil ta’ tlett *litterbins* fil-*promenade* tal-Qbajjar (John Zammit) | €30.00 |
| Sapport għal tnax-il siġra fil-*promenade* tal-Qbajjar (John Zammit) | €72.00 |
| Tindif u żamma tal-*playing field* u l-*promenade* tal-Qbajjar – Novembru 2009 (John Zammit) | €216.34 |
| Ġbir ta’ *bulky refuse* u tindif u żamma tal-latrini ta’ Marsalforn – Ottubru 2009 (Dipartiment ta’ l-Indafa Pubblika) | €599.25 |
| Materjal – dekorazzjonijiet tal-Milied addizzjonali għal Pjazza l-Assunta (Għaqda Armar Santa Marija) | €390.00 |
| Dwal – dekorazzjonijiet tal-Milied għal Pjazza l-Assunta u Triq il-Knisja (Joseph Caruana Co Ltd) | €232.05 |
| Xogħol inkluż il-materjal fuq it-tabelli tat-traffiku – l-għeluq ta’ Triq il-Port u l-Menqa, sajf 2009 (Refalo Signs) | €116.00 |

## 6. REVIŻJONI TAL-PJAN TAL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Il-Pjan tal-Ħidma – reviżjoni għas-snin 2009 - 2012 kien meħud bħala moqri. Il-Kunsill Lokali approva l-Pjan tal-Ħidma għas-snin 2009 - 2012.

## 7. FESTI PAWLINI F’ MARSALFORN

Għall-Festi Pawlini – Arti, Kultura u Fidi, il-Kunsill approva dan il-programm ta’ attivitajiet:

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa | Ftuħ ta' wirja 'Marsalforn maż-Żmienijietna'.<br>Spettaklu ta' vuċijiet lokali.<br>Ġie deċiż li l-parteċipanti jingħataw tifkira tal-okkażjoni u nitolbu stima lil Power Sound u lil Joe Cutajar għal PA System u għad-dawl rispettivament. |
| Is-Sibt | 'Il-Fjamma tal-Fidi'<br>Kunċert ta' mużika klassika u pop mill-Band Mistaken Identity (€944). |
| Il-Ħadd | Marċijiet mill-Banda Sta Marija u mill-Banda tax-Xagħra (il-Kunsill tax-Xagħra se joħroġ €500).<br>Il-Kunsill approva b' €1,000 nar u jinħaraq minn fuq il-Qolla s-Safra. |

Għal dawn il-festi, il-Kunsill approva s-servizzi ta' fotografu, żewġ *banners* (waħda għat-triq ta' Marsalforn u l-oħra għax-Xatt) u l-istampar ta' *fliers*.

## 9. AFFARIJIET OĦRA

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li għall-post ta' skrivan/a *part-time*, għandna applikazzjoni waħda biss. Il-Kunsill iddeċieda li l-*interview* issir wara l-festi tal-Milied.

Il-Kunsill approva:

- li ssir tabella fir-rigward tal-kisi ta' toroq bit-tarmak f' Marsalforn.
- x-xiri ta' żewġ UPS għall-uffiċċini tal-Kunsill.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill Lokali ftiehem li laqgħa oħra tinżamm nhar it-Tlieta, 12 ta' Jannar 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Carmelo Saliba CLJ MMLJ**
***Sindku***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja E\ekuttiva***

**Dok. A**

**Seduta Nru. 44/09**

## Ċedola tal-Pagamenti

Żebgħa u oġġetti oħra għall-manutenzjoni tar-*railings* ta' Triq il-Wied u pajpijiet tad-dawl – dekorazzjonijiet tal-Milied
(Joseph Caruana Co Ltd) €275.63
Żebgħa u *rollers* – sinjali tat-traffiku
(Mario Mallia) €160.26
Servizzi ta' librara – Novembru 2009
(Joanne Grima) €44.72
Servizzi ta' ġarr ta' flus – Ottubru – Novembru 2009
(Group 4S Security Services Ltd) €53.27
Tindif ta' l-uffiċini tal-Kunsill – Novembru 2009
(Salvina Bajada) €30.29
*Contract Manager fee* – Novembru 2009
(Galea Curmi Engineering Consultants) €95.93
Kiri u tbattil tal-*bins* tal-*bring-in site* – Ottubru 2009
(WasteServ Malta Ltd) €296.59
Xorb (The Liqueur Shop) €338.16
Bukkett ward – quddiesa fiċ-ċimiterju
(Fortunato Mifsud) €35.00
Inkwadru (Gozo Arts) €60.00
Ktieb 'Inservi' (P.I.N. Publications) €35.00
*Tape Recorder* (The Majestic) €50.00
*Make-up* u aċċessorji għall-*cast* tal-Musical 'Għeruqna'
(Lizanne) €560.00
Suvenirs (Playcraft) €531.00

9 ta' Diċembru 2009